

# Ħajja fis-Servizz tal-Knisja u r-Riċerka

**Analiżi Qasira tal-Istudji Storiċi tal-Kanonku Joe Abela**

**Kitba ta' Sergio Grech BA (Hons), PGCE, MA.**

Grazzi għall-ħidma intensiva, ma taqta' xejn, tal-Kanonku Joe Abela u ftit nies oħra, iż-Żejtun seta' jkollu l-istorja tiegħu miktuba b'mod xjentifiku. Qabel Abela u xi waħdiet bħal Walter R. Zahra, kien hemm vojt kbir. U din, anki jekk tidher, mhix stqarrija esaġerata jew sproporzjonata. Kollu minnu li kien hemm L-Istorja taż-Żejtun u Marsaxlokk ippubblikat fl-1927 minn E.B. Vella li ħafna jafuh għall-famuż xogħol tiegħu Ġabra ta' Ward. Inċidentalment, forsi ftit jafu li Vella kien ukoll Kap tal-Iskola Primarja taż-Żejtun. Imma dak il-ktieb ta' Vella, minkejja kollox, ma kienx biżżejjed u ma kienx jagħti l-aħħar kelma fuq iż-Żejtun u ż-Żwieten tiegħu. Għalkemm veru wkoll li l-ebda storiku m'għandu l-jedd li jippretendi li qed jikteb l-aħħar kelma! Fuq kollox, ix-xogħol ta' Vella kien nieqes mill-ħajja soċjali taż-Żejtun li l-Kanonku Abela ddedika tant ħin għaliha u dwarha biex sawwarha f'kitba. Terġa' u tgħid, Vella ma kellux aċċess għall-ħemel ta' dokumenti li ra l-Kanonku Joe Abela.

Il-kobor ta' Abela jinsab fil-fatt li hu ħaddem skemi xjentifiċi biex kiteb storja ta' raħal min-nuċċali ekkleżjastiku u politiku kif ukoll soċjali. Għax l-istorja ma jagħmluhiex biss in-nies il-kbar li normalment imissu mal-poter imma anki ż-żgħar li bosta drabi leħinhom qatt ma ġie reġistrat. Fuq kollox, il-Kanonku Abela qatt ma waqa' fil-labirint tal-istorja falza li tkeskes u toħloq il-parrokjaliżmu u l-pika.

Fl-aħħar mill-aħħar, tiegħu hi Storja li hu kitibha fuq id-dokumentazzjoni billi għall-ħin twil ingħalaq fl-arkivji kemm tal-parroċċa taż-Żejtun kif ukoll ta' nħawi oħra. Ix-xogħol ħadu wkoll fl-Arkivju tal-Kurja ta' Malta, fl-Arkivji tal-Parroċċi ta' Bormla, Ħal Għaxaq, Ħal Tarxien, u l-Birgu fost l-oħrajn, fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, fl-Arkivju tan-Nutara l-Belt u bnadi oħra. Dawn l-arkivji mhux dejjem kienu miżmuma u aċċessibbli daqs kemm wieħed jixtieq; tort ta' ħadd sa ċertu punt. Domna ma tgħallimna jew damu ma għallmuna biex nibżgħu għall-wirt tagħna u li l-wirt tagħna ma kienx biss il-bini li ħallew il-Kavallieri.



Il-Kanonku Abela jkompli nistgħu ngħidu mat-tradizzjoni ta' figuri fil-Knisja Maltija bħal Dun Ġużepp Micallef, l-istoriku ta' Ħal Luqa, fejn l-awtur imsemmi huwa meqjus bħala wieħed mill-ewwel kampjuni ta' storja ta' raħal kif mistennija li tkun.

Jinħass ukoll li ħafna minn dawn il-kitbiet, Abela kitibhom sforz in-nuqqas ta' apprezzament fil-komunitajiet li ħabb u dan jgħidha u jirribattiha diversi drabi fil-kitbiet tiegħu. Fuq kollox, Dun Joe għen biex il-komunità tifhem l-għeruq tagħha.

Mal-Kanonku Abela, iridu jissemmew ukoll l-isforzi importanti li għamel ħabibu Walter R. Zahra biex ikollna storja dokumentata tar-raħal ta' Santa Katerina. Walter R. Zahra li kien attiv f'diversi

għaqdiet kulturali u trade unions fis-sittinijiet u qabel, kien attiv fil-politika lokali. Hu kien wieħed mill-ewwel riċerkaturi serji li beda jaħdem dwar iż-Żejtun. Fil-fatt Zahra kien ippubblika l-ewwel volum ta' 'Storja taż-Żejtun u l-Inħawi Tiegħu'. Zahra kien interessa ħafna ruħu fl-istorja tal-parroċċa l-qadima taż-Żejtun, magħrufa man-nies tal-lokal ta' San Girgor minħabba l-famuża statwa tal-Papa li hemm barra l-knisja li tħares lejn il-belt tal-Imdina. Fl-1973, Zahra kien ħareġ 'The old Parish Church of Saint Catherine at Żejtun (popularly known as Saint Gregory's)'. Kien ħareġ ukoll ballata ddedikata lil din il-knisja bl-isem Il-Ballata ta' San Girgor. Abela kien iddedika l-ktieb '300 Sena Ilu - Tifkira tat-tqegħid tal-ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun 1692-1992' lil Walter Zahra u ddeskrivieh bħala dak li għallmu li jħobb il-wirt storiku.

Dun Joe Abela twieled iż-Żejtun nhar l-1 ta' Novembru 1931. Kien student il-Primarja taż-Żejtun fl-eqqel tat-Tieni Gwerra. Dak iż-żmien familtu laqgħet għandha żewġ familji refuġjati minn Bormla. Beda l-istudji universitarji tiegħu fl-1948 u kiseb BA fil-Lingwa u l-Letteratura Ingliża u Lic. D. fit-Teoloġija. Kompla l-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana ta' Ruma minn fejn fl-1960 kiseb Liċenzjat fl-Istorja Ekklesjastika. Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu 1956 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Kien chaplain tas-sezzjoni taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (Xebbiet - Żejtun) u għal xi żmien kien segretarju amministrattiv tar-rivista 'Pastor'; ir-rivista tal-kleru li llum m'għadhiex toħroġ. Qatta' madwar 30 sena jgħallem l-Ingliż u l-Istorja, lokali u Ewropea, filwaqt li kien jaqdi dmiru bħala qassis fiż-Żejtun. Fl-1991, inħatar Awditur fit-Tribunal tal-Knisja. Sa mis-snin disgħin tas-seklu 20, serva fi rwol ta' Kanonku fil-Kolleġġjata ta' Bormla. L-investitura ta' kanonku saret fis-6 ta' Ġunju 1993 u tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Monsinjur Annetto Depasquale. Il-Kanonku Joe Abela tista' tgħid li għandu l-mertu li ħadem kemm felaħ biex ma jħallix rqajja' ta' storja taż-Żejtun mhux magħrufa. Ġabra ta' artikli riċerkati tiegħu kienu ġew ippubblikati mill-Klabb Kotba Maltin taħt l-isem 'Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet'. Kienet ħarġet ukoll verżjoni bl-Ingliż tal-ktieb imsemmi. Fil-volum, hemm ukoll tagħrif interessanti dwar saċerdoti Żwieten matul is-snin li kienet ilha mwaqqfa l-parroċċa. Bosta drabi l-parroċċa taż-Żejtun serviet bħala pubblikatur ta' Abela. Fost l-oħrajn ġew ippubblikati '300 Sena Ilu - Tifkira tat-tqegħid ta' l-ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun 1692-1992' u 'Iż-Żejtun Mitt Sena Arċipretali 1889-1989'. Abela kiteb ukoll dwar l-istorja ta' Marsaxlokk u Wied il-Għajn fost l-oħrajn anki għax dawn ħarġu miż-Żejtun kif ukoll dwar Bormla fejn serva ta' Kanonku.

Kien 'jogħxa' meta kien isib fili komuni bejn il-parroċċi li kien studja. Xogħol klassiku li jikkonferma dan hu studju li kien ippubblika dwar it-tnissil tal-familja Camilleri Cauchi. Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kien ippubblika 'Triqat iż-Żejtun', kitba ta' Abela, li ħareġ fl-okkażjoni tal-mitejn sena minn mindu ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' Città Beland.

Dun Joe Abela kiteb ukoll dwar il-knisja tal-Hniena u ż-żona ta' Bir id-Deheb - żona li hu nnifsu kien mexxa spiritwalment lura fis-snin tmenin tas-seklu għoxrin. Ħa sehem ukoll fil-ktieb maħruġ mill-Kunsill Lokali Żejtun dwar l-attakk tal-1614, 'The Last Onslaught 1614, L-Aħħar Hbit'.

Il-Kanonku Abela ppubblika għadd bla tarf ta' artikli mxerrda f'diversi rivisti fosthom dawk abbinati mal-festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun. Insemmi b'mod partikulari l-kotba tal-festa li jippubblikaw is-soċjetajiet mużikali Żwieten (il-baned), ir-rivista tal-parroċċa 'Iż-Żejtun u L-Armar'. Il-kitbiet tiegħu dehru wkoll f'organi f'Bormla minbarra gazzetti lokali ('Il-Hajja, Il-Mument', The Times) u pubblikazzjonijiet tal-festi f'Wied il-Għajn u Birżebbuġa u bnadi oħra.

Ma kienx hemm suġġett dwar iż-Żejtun li ma rax l-analiżi tiegħu. Fost dawn Abela kiteb qatigħ dwar il-knisja parrokkjali ta' Gafà msejħa minn bosta l-Katidral tal-Lvant, l-oratorju tas-Sagrament biswit il-knisja parrokkjali, il-knisja il-qadima ta' San Girgor, anniversarji marbuta maż-Żejtun u l-knisja parrokkjali, is-Salib tal-pjazza u l-istejjer tiegħu, figuri Żwieten bħal Pulis Montebello, l-imgħallem Xandru Pulis, Dun Salv Delia u l-Isqof Antonio Zahra u diversi oħrajn, knejjes oħra fiż-Żejtun bħal ta' San Klement, l-industriji marbuta maż-Żejtun bħal dik tal-qoton, iż-Żejtun fl-epoka medjevali, l-istatwi magħrufa tal-Martirju tal-Għaxra, l-attakki u r-reżistenzi Żwieten kontra l-Franċiżi, it-tużell tal-festa, l-arma ta' Santa Katerina fil-ventaltar tal-festa, ir-relazzjonijiet bejn ċerti Gran Mastri u ż-Żejtun, il-Fratellanza tas-Sagrament, il-vari fil-parroċċa taż-Żejtun, il-benefatturi Żwieten għall-knisja u r-raħal u min jaf kemm - il suġġett ieħor. Li jaffaxxinak hu li ma tantx hemm ripetizzjoni fit-temi li żvolġa Dun Joe u dejjem għandek l-għatx biex joħroġ il-ġdid. Fuq kollox, il-Kanonku Abela feraħ ma' studjużi meta sabu ħwejjeġ ġodda dwar iż-Żejtun u nkluda s-sejbiet tagħhom fil-kitbiet tiegħu. Hu ċar li dejjem

emmen li wieħed jibni fuq l-ieħor. Niftakru jifraħ meta Monsinjur Vinċenz Borg sab qassis Żejtuni li hu ma kienx jaf bih u fil-pront irrapporta dwaru fi ktieb tal-festa tal-parroċċa.

Ħafna minn dawn l-artikli miktuba mill-Kanonku Abela ġew inklużi fil-websajt ta' Wirt iż-Żejtun. Artikli dwar Bormla, Marsaxlokk jew Wied il-Għajn wieħed jista' jsib aċċess għalihom mill-website tal-Librerija tal-Università ta' Malta. Għalkemm anki hawn wieħed jissuspetta li l-lista mhix eżawrijenti u fiha n-nieqes. Forsi xi darba naraw ġabra ta' dawn l-artikli fi ktieb wieħed. Il-Kanonku Joe Abela ppubblika wkoll l-istorja tal-Banda Beland. Sadanittant ix-xogħlijiet tal-Kanonku Abela ġew ikkwotati minn diversi riċerkaturi bħal Henry Frendo, Albert Ganado, Joseph F. Grima u Karmenu Vassallo fost l-oħrajn.

Fuq livell personali, jien naħseb li għandi wkoll dejn mal-Kanonku Abela. Fil-fatt lili kien jgħallimni l-Istorja u r-Reliġjon fis-Seminarju (Minuri) u xi ftit influwenza ħalla fuqi wkoll. Anki jekk dik il-ħabta ma kellniex textbooks eċitanti wisq u bosta drabi kont ridt titgħallem kollox bl-amment. Il-Kanonku Abela kien jipprova jqajjem diskussjoni fil-klassi u jien niftakarni nistaqsih eżattament x'kien ir-Renju taż-Żewġ Sqallijiet meta fil-verità kien hemm gżira waħda jisimha Sqallija fil-Mediterran. Is-Seminarju niftakru anki jitla' bil-vann mal-istudenti, l-ewwel mas-Sunny u wara mal-'famuż' Zanzu Axisa tal-Pyramid taż-Żejtun. Mal-istudenti, kellu l-laqam tal-Iskinny Bones.

Niftakru l-iskola juża test ta' Godfrey Wettinger meta ġie biex jgħallimna l-Medju Evu u dan juri li kien aġġornat mar-riċerka li kienet qed issir fuq livell nazzjonali. Kien dejjem inkwetat fuq il-livell tal-Ingliż li kien iħossu nieżel u sejjer lura bħall-granċ u mhux darba jew tnejn li waqafna nitkellmu fuq hekk anki snin wara li jien tlaqt mill-iskola u konna niltaqgħu każwalment bla ma niftiehmu. Naf li mhux individwu jew tnejn kienu jagħtuh it-teżijiet universitarji tagħhom biex hu jsaffihom minn Ingliż mhux daqstant tajjeb. Darba nzertajtu waqt żjara fid-Day Centre tal-Anzjani. Kien għaddej bil-bajro ħamra u mazz karti. Dejjem b'dik id-daħka fuq fommu. Min jaf ukoll kemm għentu quddies fil-vesti ta' abbati! Ix-xogħol tiegħu sibtu ta' mitqlu deheb meta ktibt il-bijografija ta' Alexander Cachia Zammit ippubblikata minn Kite Publishing speċjalment meta ġejt biex noħloq l-ambjent Żejtuni.

Kull għaqda Żejtunija, kull student, kull seminarista, kull individwu li fittex lil Dun Joe





Abela dejjem sabu lest li jagħti dik id-daqqa t'id. Il-Kanonku Joe Abela ngħata Ġieħ iż-Żejtun fis-sena 2000. Illum jgħix irtirat fid-Dar tal-Kleru fi Fleur De Lys mibnija minn Żejtuni ieħor Monsinjur Salv Grima u persważ li jħossu sodisfatt li f'ħajtu qeda l-Knisja u r-riċerka.

Riferenzi:
Raymond Mangion, 'Joseph Abela,' It-Torċa, 29.12.2019, 20
Michael J. Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies, Vol 1, PIN, 2009.
www.cospicuaparish.org.mt/articles_kandunjoeabela.asp
https://wirtizzejtunartikli.wordpress.com/abela-joe-kan/

https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/73590/1/Dun%20Joe%20Abela%20Ma%c4%a7tur%20Kanonku%20ta_%20Bormla.pdf